# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum l-1 ta' Lulju 2020**

Appell numru 158 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs**
**Simon CAMILLERI**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-15 ta' Marzu 2018 fil-konfront ta' Simon CAMILLERI detentur tal-karta tal-identità bin-numru 453166M fejn ġie mixli talli b'diversi atti magħmulin ukoll fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li jkunu magħmula b'riżoluzzjoni waħda u ċjoe talli flimkien ma persuna oħra mhux magħrufa (in suċċint) :

a. Nhar is-7 ta' Ġunju 2015 għall-ħabta tal-11:30 fi Triq it-Tabib Nikola Zammit, fis-Siġġiewi ikkommettew serq kwalifikat bil-vjolenza u l-valur a dannu ta' Carmen Baldacchino;
b. Nhar is-27 ta' Ġunju 2015 għall-ħabta tal-10:00 fi Triq Joe Sciberras, il-Ħamrun ikkommettew serq kwalifikat bil-vjolenza u l-valur a dannu ta' Maria Grech;
c. Nhar is-27 ta' Ġunju 2015 għall-ħabta tal-10:00 fi Triq Guże Ellul, Pieta', ikkommettew serq kwalifikat bil-vjolenza u l-valur a dannu ta' Maria Dolores Micallef;
d. F'dawn il-Gżejjer bejn is-7 u t-28 ta' Ġunju 2015 saq vettura Daihatsu Charade, numru tar-reġistrazzjoni DAF 165, mingħajr ma kien kopert b'polza tal-assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni kif ukoll bil-liċenza tal-vettura skaduta;
e. Talli fl-istess żmien naqas milli jħares xi waħda mill-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest skont digriet maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati nhar it-23 ta' Lulju 2013, fejn waħda mill-kondizzjonijiet li ingħata kienet li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja;
f. Talli fl-istess żmien naqas milli jħares xi waħda mill-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest skont digriet maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati nhar is-7 ta' Jannar 2014, fejn waħda mill-kondizzjonijiet li ingħata kienet li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja;
g. Talli rrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-imputat appellant mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u illiberatu minnha filwaqt li sabitu ħati tal-kumplament tal-imputazzjonijiet kontestati lilu u kkundannatu għal erba' snin priġunerija filwaqt li skwalifikatu mill-liċenzi tas-sewqan kollha tiegħu għal perjodu ta' sena.

3. Illi minn din is-sentenza, Simon CAMILLERI appella fejn talab ir-riforma ta' din is-sentenza billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni u fejn minnha illiberatu filwaqt li tħassarha in kwantu sabitu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra u tiddikjarah mhux ħati tagħhom u mingħajr preġudizzju għal dan fl-eventwalita li tikkonferma l-ħtija inflitta tibdel il-piena imposta b'piena aktar ekwa u ġusta, u dan wara li ressaq l-aggravji segwenti, li in suċċint huma : -

   (a) Ma ġietx stabbilita r-rabta bejn l-appellant u r-reati li bihom ġie mixli u misjub ħati. Dan peress li ma ma nġabitx prova ċara u inekwivokabbli li torbot lill-appellant mas-serq kontestat lilu. Dan billi ma nġabitx prova li turi l-parteċipazzjoni materjali tiegħu mal-eżekutur dirett tad-delitt u li ppresta l-koperazzjoni diretta u essenzjali għall-eżekuzzjoni tad-delitt. Inoltre minn imkien ma rriżulta li l-appellant kien jaf u volontarjament qbael li jipparteċipa f'xi aġir kriminuż. L-element formali tar-reat ma ġiex pruvat.

   (b) Ix-xiehda prodotti bl-ebda mod ma jorbtu lill-appellant mal-kommissjoni tar-reati tas-serq. L-evidenza

ċirkostanzjali preżentata bl-ebda mod ma tista titqies univoka.

(c) Il-kwalifika tal-valur fir-reat tas-serq bl-ebda mod ma ġiet pruvata u dan peress li l-vitmi ma pproduċewx prova tal-valur. L-ebda talba għal ħatra t'espert tekniku ma ġiet magħmula.

(d) L-istqarrija tal-appellant lill-Pulizija kienet inammissibbli u dan peress li ttieħdet f'kuntest fejn l-appellant ma kellux l-avukat tal-fiduċja tiegħu preżenti. L-istqarrija meħuda f'dawn iċ-ċirkostanzi kienet tilledi d-dritt tiegħu ta' smiegħ xieraq.

(e) Il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova li l-appellant kien qiegħed isuq il-vettura imsemmija fl-imputazzjonijiet u li din ma kellhiex il-liċenza mħalsa jew li ħiegħet, ħalla jew ippermetta lil xi persuna oħra li ma għandhiex liċenza tas-sewqan biex issuqha. L-anqas ma ġie pruvat li huwa ma kellux kopertura assikurattiva fiż-żmien rilevanti għal dan il-każ.

(f) Il-kumplament tal-imputazzjonijiet kontestati lilu u li huwa ġie misjub ħati tagħhom kienu dipendenti u konsegwenzjali fuq is-sejbien ta' ħtija fuq xi waħda mill-ewwel erba' imputazzjonijiet. Stante li l-appellant tenna li l-Qorti ma setgħetx issibu ħati ta' ebda waħda mill-imptuazzjonijiet prinċipali, huwa jikkontendi wkoll li allura l-Qorti ma setgħetx issibu ħati tal-imputazzjonijiet konsegwenzjali.

(g) Inoltre l-piena inflitta kienet waħda li kienet wisq gravuża u li ma kienetx tieħu kont tal-aspett rijabilitattiv.

4. Semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell u rat l-atti u d-dokumenti kollha.

***Ikkunsidrat: -***

5. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

6. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

7. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

8. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

9. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina***, 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas***

10. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*.

11. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

12. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu,

***sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Diċembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

13. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

14. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

15. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

16. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **<u>ma teħtieġx</u>** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

17. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, *sure* fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.* Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

18. Fil-każ Ingliż ***Majid***,[7] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

19. Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence***, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

20. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell

---

[6] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Peralta*** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

21. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

22. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-*best evidence rule*, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.

Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[9]

23.In oltre u aktar reċentement fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Cyrus Engerer,*** il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi :

Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.[10]

---

[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.
[10]Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia.

24. Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-*hearsay* u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. Dan peress li parti mix-xiehda prodotti f'dan il-każ jistrieħu esklussivament fuq dak li qalulhom il-protagonisti f'dan il-każ.

25. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-*hearsay evidence*, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

> **598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.
>
> (2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.
>
> (3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.
>
> **599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

26. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet : ***Il-Pulizija vs Janis Caruana*** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-

Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-*hearsay evidence* kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod : -

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:

> '599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:

> 'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23. Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

> 'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law ruel against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda

persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

27.Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi*** ġie deċiż is-segwenti : -

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan ilkliem:

> 'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubbliká versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

> Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

28. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella***, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-*hearsay evidence* ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar -

> Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

29. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan

l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

30. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża ***Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino*** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (*demeanour*) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

***Ikkunsidrat : -***

31. Illi wieħed mill-aggravji prinċipali tal-appellant jittratta l-inammissibbilita tal-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija. Il-

ġurisprudenza l-aktar reċenti kemm tal-Qrati Maltin, kif ukoll il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (il-Qorti Ewropea) dwar din il-materja żviluppat diversi prinċipji regolaturi dwar meta jiġu riskontrati b'allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet minħabba n-nuqqas tal-aċċess għall-avukat. Fis-sentenza ***Beuze vs Belgium*** (para 120 – 130)[11] il-Qorti Ewropea iddikjarat illi l-obbligu tal-assitenza legali japplika mill-mument meta' persuna tkun '*charged with a criminal offence*' u dan skond it-tifsira indikata fl-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea (para 129).[12]

32. Madankollu skond l-istess sentenza dik il-Qorti stabbiliet illi :

> In the light of the nature of the privilege against self-incrimination and the right to remain silent, the Court considers that in principle there can be no justification for a failure to notify a suspect of these rights. Where a suspect has not, however, been so notified, the Court must examine whether, notwithstanding this failure, the proceedings as a whole were fair. Immediate access to a lawyer able to provide information about procedural rights is likely to prevent unfairness arising from the absence of any official notification of these rights. However, where access to a lawyer is delayed, the need for the investigative authorities to notify the suspect of his right to a lawyer, his right to remain silent and the privilege against self-incrimination takes on particular importance (see Ibrahim and Others, cited above, § 273, and case-law cited therein).'

33. Jiġifieri li skond din is-sentenza tal-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea, l-esklużjoni tat-twissija lil dak li jkun bid-dritt tiegħu li

---

[11] Deċiża fid-9 ta' Novembru 2018 mill-Qorti Ewropea għall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, applikazzjoni no. 71409/10.

[12] Artikolu 6(3) :

> Everyone charged with a criminal offence has the following minimum rights:
> (a) to be informed promptly, in a language which he understands and in detail, of the nature and cause of the accusation against him;
> (b) to have adequate time and the facilities for the preparation of his defence;
> (c) to defend himself in person or through legal assistance of his own choosing or, if he has not sufficient means to pay for legal assistance, to be given it free when the interests of justice so require;
> (d) to examine or have examined witnesses against him and to obtain the attendance and examination of witnesses on his behalf under the same conditions as witnesses against him;
> (e) to have the free assistance of an interpreter if he cannot understand or speak the language used in court.

jkun assistit minn avukat ma ġġibx magħha awtomatikament il-konsegwenza tal-ksur ta' smiegħ xieraq jew l-inammissibilita ta' evidenza miġbura f'dak l-istadju. Biex jitqies integrat ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem il-Qorti tkun trid tistħarreġ il-proċedura kollha kif tkun ġiet applikata f'dak il-każ partikolari b'mod sħiħ; u huwa wara li ssir l-analiżi ta' dan l-eżerċizzju globali li l-Qorti tkun tista' tgħid jekk il-proċedura segwita kienetx tħares il-jeddijiet ta' smiegħ xieraq jew le.

34. Fl-istess sentenza ingħad illi apparti ċertu istanzi indikati fejn il-preżenza attiva u mhux astratta tal-avukat tkun meħtieġa :

> the Court has indicated that account must be taken, on a case-by-case basis, in assessing the overall fairness of proceedings, of the whole range of services specifically associated with legal assistance: discussion of the case, organisation of the defence, collection of exculpatory evidence, preparation for questioning, support for an accused in distress, and verification of the conditions of detention (see Hovanesian v. Bulgaria, no. 31814/03, § 34, 21 December 2010; Simons, cited above, § 30; A.T. v. Luxembourg, cited above, § 64; Adamkiewicz, cited above, § 84; and Dvorski, cited above, §§ 78 and 108)'.

35. Din is-sentenza stħarrġet il-prinċipji riżultanti mill-każ ***Salduz vs Turkey.*** Biss f'***Beuze*** il-Qorti Ewropea irrikonoxxiet li sussegwentement l-istess Qorti kienet ħadet approċ inqas assolutista. Fil-fatt qalet hekk :

> 138. The *Salduz* judgment also demonstrated that the application on a "systematic basis", in other words on a statutory basis, of a restriction on the right to be assisted by a lawyer during the pre-trial phase could not constitute a compelling reason (ibid., § 56). In spite of the lack of compelling reasons in that case, the Court nevertheless analysed the consequences, in terms of overall fairness, of the admission in evidence of statements made by the accused in the absence of a lawyer. It took the view that this defect could not have been cured by the other procedural safeguards provided under domestic law (ibid., §§ 52 and 57-58).

139. The stages of the analysis as set out in the *Salduz* judgment – first looking at whether or not there were compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, then examining the overall fairness of the proceedings – have been followed by Chambers of the Court in cases concerning either statutory restrictions of a general and mandatory nature, or restrictions stemming from case-specific decisions taken by the competent authorities.

140. In a number of cases, which all concerned Turkey, the Court did not, however, address the question of compelling reasons, and neither did it examine the fairness of the proceedings, but found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, *ab initio*, to a violation of the Convention (see, in particular, *Dayanan*, cited above, § 33, and *Boz v. Turkey*, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010). Nevertheless, in the majority of cases, the Court has opted for a less absolute approach and has conducted an examination of the overall fairness of the proceedings, sometimes in summary form (see, among other authorities, *Çarkçı v. Turkey (no. 2)*, no. 28451/08, §§ 43-46, 14 October 2014), and sometimes in greater detail (see, among other authorities, *A.T. v. Luxembourg*, cited above, §§ 72-75).

141. Being confronted with a certain divergence in the approach to be followed, in *Ibrahim and Others* the Court consolidated the principle established by the *Salduz* judgment, thus confirming that the applicable test consisted of two stages and providing some clarification as to each of those stages and the relationship between them (see *Ibrahim and Others*, cited above, §§ 257 and 258-62).

36.Sabiex dan jiġi stabbilit, il-Qorti rriteniet is-segwenti:

(α) Concept of compelling reasons

142. The criterion of "compelling reasons" is a stringent one: having regard to the fundamental nature and importance of early access to legal advice, in particular at the suspect's first police interview, restrictions on access to a lawyer are permitted only in exceptional circumstances, must be of a temporary nature and must be based on an individual assessment of the particular circumstances of the case (see *Salduz*, cited above, §§ 54 *in fine* and 55, and *Ibrahim and Others*, cited above, § 258). A finding of compelling reasons cannot stem from the mere existence of legislation precluding the presence of a lawyer. The fact that there is a general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an individual and case-specific assessment, whether there are any compelling reasons.

143. The Court has also explained that where a respondent Government have convincingly demonstrated the existence of an urgent need to avert serious adverse consequences for life, liberty or physical integrity in a given case, this can amount to a compelling reason to restrict access to legal advice for the purposes of Article 6 of the Convention (see *Ibrahim and Others*, cited above, § 259, and *Simeonovi*, cited above, § 117).

(β) The fairness of the proceedings as a whole and the relationship between the two stages of the test

144. In *Ibrahim and Others* the Court also confirmed that the absence of compelling reasons did not lead in itself to a finding of a violation of Article 6. Whether or not there are compelling reasons, it is necessary in each case to view the proceedings as a whole (see *Ibrahim and Others*, cited above, § 262). That latter point is of particular importance in the present case, since the applicant relied on a certain interpretation of the Court's case-law on the right of access to a lawyer (see paragraph 97 above) to the effect that the statutory and systematic origin of a restriction on that right sufficed, in the absence of compelling reasons, for the requirements of Article 6 to have been breached. However, as can be seen from the *Ibrahim and Others* judgment, followed by the *Simeonovi* judgment, the Court rejected the argument of the applicants in those cases that *Salduz* had laid down an absolute rule of that nature. The Court has thus departed from the principle that was set out, in particular, in the *Dayanan* case and other judgments against Turkey (see paragraph 140 above).

145. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer (see *Ibrahim and Others*, cited above, § 265).
146. The Court further emphasises that where access to a lawyer was delayed, and where the suspect was not notified of the right to legal assistance, the privilege against self-incrimination or the right to remain silent, it will be even more difficult for the Government to show that the proceedings as a whole were fair (ibid., § 273 *in fine*).

147. Lastly, it must be pointed out that the principle of placing the overall fairness of the proceedings at the heart of the assessment is not limited to the right of access to a lawyer under Article 6 § 3 (c) but is inherent in the broader case-law on defence rights enshrined in Article 6 § 1 of the Convention (see the case-law on Article 6 § 1 cited in paragraph 120 above).

148. That emphasis, moreover, is consistent with the role of the Court, which is not to adjudicate in the abstract or to harmonise the various legal systems, but to establish safeguards to ensure that the proceedings followed in each case comply with the requirements of a fair trial, having regard to the specific circumstances of each accused.

149. As the Court has already observed, subject to respect for the overall fairness of the proceedings, the conditions for the application of Article 6 §§ 1 and 3 (c) during police custody and the pre-trial proceedings will depend on the specific nature of those two phases and on the circumstances of the case.

(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment

150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see *Ibrahim and Others,*cited above, § 274, and *Simeonovi*, cited above, § 120):
(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;
(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;
(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;
(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;
(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;
(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;
(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;
(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;
(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and

> (j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.

37. L-istess prinċiplji ġew applikati f'sentenza oħra ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ***Farrugia Carmel Joseph vs Malta*** fejn a bażi ta' dawn il-prinċipji l-Qorti kkonkludiet illi

> while very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court, in the specific circumstances of the case, finds that having taken into account the combination of the various above-mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer.[13]

38. Illi f'dan il-każ, jirriżulta li qabel ma l-appellant ġie mitkellem mill-Pulizija, kemm fit-28 ta' Ġunju 2015 kif ukoll l-għada, huwa kien ingħata twissija mill-Ispettur Joseph Mercieca. Nhar it-28 ta' Ġunju l-ispettur Mercieca, fil-preżenza ta' PC Donatello Cortis l-appellant kien ingħata d-dritt li jikkonsulta mal-avukat Dr. Victor Bugeja, avukat għall-għajnuna legali, wara li l-legali mixtieq minnu, Dr. Leon Bencini ma kienx qiegħed jieħu telefonati. Matul l-istess jum, qabel ma ttieħdet l-istqarrija mingħandu l-appellant ġie wkoll imwissi li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jitkellem; li dak li jgħid jista' jinġieb bi prova; madanakollu jekk ma jkun irid jgħid xejn, jew jonqos li jsemmi xi fatt, il-Qorti jew il-ġudikant jistgħu jaslu għal regola t'inferenza li tammonta għal prova korroborattiva, jekk matul il-proċess huwa jressaq difiża li tkun ibbażata fuq xi fatt li ma jkunx semma matul l-interrogazzjoni.

[13] Deċiża nhar l-4 ta' Ġunju 2019 mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, Applikazzjoni no. 63041/13.

L-istess twissijiet ingħatawlu l-għada, 29 ta' Ġunju 2015 mill-ispettur Mercieca fil-preżenza tal-Ispettur Kylie Borg. Anke din id-darba l-appellant għażel li jitkellem mal-Avukat Victor Bugeja qabel ma sarlu l-interrogatorju.

39. Fiż-żmien meta seħħ dan il-każ, u ċioe fis-sena 2015, il-liġi Maltija kienet għadha ma tistipulax b'mod ċar illi kull min ikun mizmum għandu awtomatikament jingħata aċċess għall-avukat. Infatti l-artikolu 355AT tal-Kodiċi Kriminali qabel l-emendi kien jinqara kif ġej:

> **355AT.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), persuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni awtorizzat għandha, jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal mhux iktar minn siegħa żmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-persuna taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet li għandha taħt dan is-subartikolu.

40. Kwindi jidher illi sabiex jiskatta dan id-dritt skond il-liġi applikabbli fi żmien mertu ta' dan il-każ, il-persuna ikkonċernata kellha tkun arrestata u fil-kustodja tal-pulizija fl-Għassa jew post ieħor ta' detenzjoni. Is-sentenzi hawn fuq ċitati jistgħu japplikaw fir-rigward ta' dan il-każ sabiex jiġi stabbilit jekk fil-mument meta l-appellant għamel dawk id-dikjarazzjonijiet mal-Pulizija, kienx hemm xi leżjoni tad-drittijiet tiegħu. Minn dawn is-sentenzi jirriżulta ċar li s-sempliċi esklużjoni ta' dan id-dritt ma jwassalx neċessarjament għalbiex il-Qorti tiskarta l-prova li tkun inkisbet; iżda din il-Qorti trid tqis it-totalita' tal-proċess kriminali meħud

kontra l-appellant sabiex tistabbilixxi jekk kienx hemm xi nuqqas li bih l-appellant setgħa kien preġudikat għal dak li jirrigwarda is-sejbien ta' ħtija tiegħu.

41.Skond il-prinċipji ravviżati fis-sentenza ***Beuze*** il-Qorti Ewropea elenkat numru ta' fatturi illi għandhom jitqiesu mill-Qorti filwaqt li tkun qed tistabilixxi dan, u senjatament :

(a) il-vulnerabblita tal-persuna konċernata minħabba l-eta' jew minħabba inkapaċita mentali;

(b) l-istruttura legali li jirregola l-proċeduri *pre-trial* u l-amissibilta' tal-provi matul proċess ġudizzarju li fl-eventwalita' tal-applikazzjoni ta' xi regola li teskludi dan id-dritt, huwa diffiċli li jitqies bħala inġusta;

(c) jekk l-appellant kellux l-opportunita li jisfida l-awtentiċita tal-provi mressqa kontra tiegħu;

(d) il-kwalita ta' provi kontriħ u jekk hemmx dubbju dwar l-attendibilita' tagħhom minħabba l-mod kif dawn ġew akkwistati;

(e) jekk il-provi ġew ottjenuti illegalment, jekk dan jipprovjenix minn xi vjolazzjoni oħra ta' artikolu ieħor tal-Konvenzjoni Ewropea u n-natura ta' din il-vjolazzjoni;

(f) fil-każ ta' stqarrija, jekk din ġietx prontament rtirata jew mibdula;

(g) il-mod kif l-provi ntużaw u partikolarment jekk dawn il-provi kkostitwewx parti integrali jew sinjifikanti tal-provi probatorji li a bażi tagħha l-appellant ikun instab ħati u s-saħħa ta' provi oħrajn fil-każ;

(h) jekk il-kunsiderazzjonijiet dwar il-ħtija sarux minn imħallef jew maġistrat professjonali jew minn ġurija popolari u fl-aħħar każ u jekk applikabbli, l-estent tad-direzzjoni u l-linji gwida mogħtija lilhom dwar l-istess;

(i) Il-piż tal-interess pubbliku fil-kors tal-investigazzjoni u l-piena tar-reat in kwistjoni u finalment;

(j) Proċeduri protettivi oħrajn relevanti offruti skond il-liġi domestika jew prattika tal-pajjiz li jkun.

42. Għal dak li jirrigwarda l-ewwel punt fil-fehma ta' din il-Qorti m'hemm l-ebda indikazzjoni li l-appellant kien vulnerabbli minħabba l-eta' tiegħu jew l-istat mentali tiegħu. Huwa jirriżulta li diġa kellu preċedenti penali oħra li jmorru lura għal kundanni kriminali sa' mill-1983 – li b'kollox jgħoddu għal tnejn u għoxrin waħda, eskluż dik li jinsab taħt appell dwarha. L-appellant għalhekk, matul is-snin akkwista ċerta familjarita ma' kif jitmexxew proċeduri kriminali mill-Pulizija u mal-proċedura ġudizzjarja li tiġi segwita.

43. Fit-tieni lok ma kienx hemm xi regola li teskludi l-provvista tal-aċċess għall-Avukat b'mod a prijoristiku; anzi l-appellant mhux biss ingħata d-dritt li jikkonsulta avukat fil-parametri tal-jedd li kien provdut f'dawk iż-żminijiet talli l-appellant, kif kellu d-dritt li jagħmel, għamel kuntatt mal-avukat tal-għajnuna legali qabel ma ttieħdulu ż-żewġ stqarrijiet.

44. Fit-tielet lok, l-appellant ma ingħatax biss id-dritt li jagħmel kuntatt mal-avukat qabel l-interrogatorju; iżda huwa ġie wkoll imwissi bid-drittijiet tiegħu li jekk ried, huwa setgħa jibqa' sieket. Biss jekk jitkellem, dak li jgħid setgħa jinġieb bi prova. Ma kien hemm xejn fil-proċedura adottata li b'xi mod xeklet lill-appellant milli jitkellem jew ma jitkellimx; jew milli jisfida l-awtentiċita tal-provi miġbura kontra tiegħu. F'kull stadju tal-proċedura minn dak il-mument il-quddiem kienet miftuħa għall-iskrutinju tiegħu kif ukoll tal-avukat tiegħu. L-appellant kien assistit minn avukat għall-għajnuna legali sat-3 ta' Novembru 2016 fejn huwa għażel li jqabbad avukat privat tal-fiduċja tiegħu. Dan l-avukat jirriżulta wkoll li ingħata l-opportunita mill-Qorti tal-Maġistrati li jieħu konjizzjoni tal-proċedura inkluż billi jressaq id-difiża li dehrlu xierqa.

45. Fir-raba' lok il-provi mressqa ma jistrieħux biss fuq il-fatt li l-appellant għamel l-istqarrijiet mal-Pulizija. L-istqarrijiet li għamel l-appellant jipprovdi xi fatti li fuqhom il-Pulizija setgħet tipproċedi biex tevalwa l-kredibbilita ta' dak li huwa kien qiegħed jgħid fl-isfond aktar wiesa' tal-investigazzjonijiet magħmula mill-Pulizija. Il-provi prinċipali miġbura mill-Pulizija ma straħux fuq l-istqarrija tal-appellant. L-anqas ma l-istess stqarrija kienet il-bażi unika tas-sejbien ta' ħtija fl-appellant mill-Qorti tal-Maġistrati. Il-ftit informazzjoni supplita fl-istqarrija mill-appellant setgħet tittieħed mill-Qorti tal-Maġistrati biex tkun tista' tiddetermina l-ispostamenti tal-appellant fil-jiem u ħinijiet rilevanti għal dan il-każ, nonche l-veridiċita u l-attendibilita o meno ta' dak li l-appellant saħaq li għamel jew ma għamilx – meta mqabbel ma provi oħra

miġbura mill-Pulizija indipendentement mill-istqarrija rilaxxjata minnu.

46. Fil-ħames lok ma jidhrix illi l-provi ġew ottjenuti kontra l-liġi. Il-Pulizija ġabru l-provi li huma rriskontraw u li kienu relevanti għar-reati li l-appellant ġie mixli bihom.

47. Fis-sitt lok jirriżulta li l-appellant, kif kellu kull dritt li jagħmel, ma weġibx għall-mistoqsijiet kollha magħmula lilu mill-Pulizija. Huwa wieġeb għal xi mistoqsijiet iżda ma weġibx għal oħrajn. Kif ukoll kellu kull dritt li jagħmel, l-appellant għażel li ma jixhedx f'dawn il-proċeduri. Fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2017 l-appellant iddikjara li ma kellux kontro-eżamijiet x'jagħmel u li huwa ma kienx se jixhed. B'hekk ma ġiet provduta ebda prova ta' xi fatt imsemmi minnu fl-istqarrija li b'xi mod ġie prontament irtirat jew mibdul.

48. Fis-seba lok, jirriżulta li l-istqarrija tal-appellant kienet tifforma parti mill-provi li wasslu għal sejbien ta' ħtija fl-appellant u ma kienetx prova unika. Il-valur tal-istqarrija kien wieħed li jidħol fl-isfond tal-analiżi tal-attendibilita' ta' xiehda u għal massimu korroborazzjoni ta' ċerti fatti riżultanti minn provi oħra. L-istqarrija tal-appellant kienet parti integrali mill-provi iżda mhux partikolarment sinjifikanti li a bażi tagħha l-appellant instab ħati. Il-ħtija tal-appellant straħet fuq provi oħrajn magħquda ma' ċerti fatti li ħarġu mill-istqarrija.

49. Fit-tmien lok, l-appellant kien instab ħati minn Maġistrat togat. L-interess pubbliku kien jimmilita favur il-prosekuzzjoni tar-reati li

bihom ġie mixli l-appellant in kwantu dawn kienu jinvolvu reati kontra l-persuna u reati kontra l-proprjeta. Agħar minn hekk dawn ir-reati kienu diretti lejn kategorija ta' persuni vulnerabbli, in specie, persuni anzjani.

50. Il-proċedura penali jirriżulta li saret skond il-liġi ordinarja. Il-proċess ġudizzjarju sar mingħajr ma ġew reġistrati lmenti jew allegazzjonijiet ta' leżjoni ta' drittijiet. Matul il-kors tal-proċeduri fil-Qorti, l-appellant kien debitament rappreżentat mill-avukat tal-għajnuna legali sat-3 ta' Novembru 2016 u mill-avukat tal-fiduċja tiegħu minn dakinhar il-quddiem, inkluż f'dan l-istadju tal-appell. L-appellant għażel li ma jixhidx, jew iressaq provi – u dan minkejja li kellu kull opportunita li jagħmel dan li kieku ried.

51. Il-ħtija tiegħu ma ġietx bażata biss fuq l-istqarrijiet li huwa irrilaxxja. Il-Prosekuzzjoni resqet diversi provi oħra in sostenn ta' dak li kien ġie dikjarat mill-appellant fl-istqarrijiet tiegħu. L-appellant la rtira u l-anqas biddel xejn minn dak li intqal minnu fil-kors tal-proċeduri penali kontrih.

52. Ma jirriżultax illi kien hemm xi raġunijiet impellenti għaliex l-appellant ma ngħatax il-fakolta li jkollu l-avukat tiegħu preżenti matul l-istqarrijiet li huwa offra għajr għall-fatt illi l-Liġi fiż-żmien in kwistjoni ma kienetx tipprovdi għal dan id-dritt ta' preżenza tal-avukat meta l-persuna tkun arrestata u fil-kustodja tal-pulizija u tiġi biex tirrilaxxja stqarrija.

53. Konsegwentement, meta din il-Qorti tqis it-totalita tal-fatti u ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, hija tal-fehma illi d-dikjarazzjonijiet magħmula mill-appellant matul il-kors tal-istqarrijiet rilaxxjati minnu, fil-kuntest li fihom ġew magħmula, u moqrija fid-dawl tal-provi l-oħra miġjuba mill-Pulizija, nonche mit-totalita tal-proċeduri meħuda kontra tal-appellant, inkluż il-karattru u l-esperjenza tal-appellant fil-qasam tal-proċeduri penali, bl-ebda mod ma jistgħu jitqiesu li kienu meħuda bi ksur ta' xi jeddijiet. Konsegwentement din il-Qorti tiċħad ir-raba' aggravju ossija relattiv għall-inamissibilta tal-istqarrijiet rilaxxjati mill-appellant u tqis li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tieħu in konsiderazzjoni l-istqarrijiet rilaxxjati mill-appellant bħala provi f'dan il-proċess, flimkien ma provi oħrajn imresqa mill-Prosekuzzjoni u li in bażi għall-assjem tagħhom dik il-Qorti sabet ħtija fl-appellant.

***Ikkunsidrat : -***

54. L-appellant jilmenta li ma ġietx stabbilita r-rabta bejn l-appellant u r-reati li bihom ġie mixli u misjub ħati. Dan peress li ma ma nġabitx prova ċara u inekwivokabbli li torbot lill-appellant mas-serq kontestat lilu. Dan billi ma nġabitx prova li turi l-parteċipazzjoni materjali tiegħu mal-eżekutur dirett tad-delitt u li ppresta l-koperazzjoni diretta u essenzjali għall-eżekuzzjoni tad-delitt. Inoltre minn imkien ma rriżulta li l-appellant kien jaf u volontarjament qabel li jipparteċipa f'xi aġir kriminuż. L-element formali tar-reat ma ġiex pruvat. Jilmenta li x-xhieda prodotti bl-

ebda mod ma jorbtu lill-appellant mal-kommissjoni tar-reati tas-serq. L-evidenza ċirkostanzjali preżentata bl-ebda mod ma tista titqies univoka.

55. Din il-Qorti ma taqbilx ma din il-linja t'argumentazzjoni. Il-Qorti tal-Maġistrati kellha għad-disposizzjoni tagħha x-xiehda tal-allegati vitmi tar-reati – Maria Dolores Micallef kif ukoll Maria Grech. Ix-xiehda ta' dawn il-vitmi trid tinqara fid-dawl tal-evidenza l-oħra miġbura mill-Pulizija.

56. Vicky Scicluna tispjega meta l-appellant mar id-Detox u l-ħin li mar fih. Id-data u l-ħin jaqblu mad-data, ħin u lok li fihom saru d-delitti fir-rigward ta' Grech u Micallef. A fol 209 jirriżulta li l-appellant kien mar għall-methadone iċ-Ċentru Detox fis-27 ta' Ġunju 2015 fl-09:55 – ħames minuti qabel ma bdew jitwetqu s-serqiet fuq Grech u Micallef.

57. Kwantu għall-lok, ix-xiehda ta' Oliver Magro turi li skont is-*site plan* u l-evidenza eżebita a fol 195 et seq, il-post fejn seħħew is-serqiet de quo huma tefgħa ta' ġebla bogħod minn fejn kien hemm iċ-Ċentru tad-Detox. Bil-karozza il-postijiet fejn seħħew is-serqiet jintlaħqu fi ftit minuti.

58. Għalkemm Maria Grech ma kienetx daqstant preċiża dwar id-dettalji tal-indirizz fejn seħħet is-serqa, biss mill-*NPS report* a fol 190 u x-xiehda ta' PC911 jirriżulta bi preċiżjoni meta għamlet il-kwerela tagħha, nonche d-dettalji ta' fejn hija ġiet misruqa u offiża fuq il-persuna tagħha. Dawn id-dettalji jaqblu mad-data, ħin u lok

imsemmija fiċ-ċitazzjoni. Ma kienetx kapaċi tagħti valur lill-ġiżirana li ġiet misruqa lilha għajr ħlief li tgħid li kienet tagħthielha ommha u aktar il-quddiem eżebiet ritratt tagħha.

59. Maria Dolores Micallef kienet aktar dettaljata fir-rigward ta' dak li seħħ nhar is-27 ta'Ġunju 2015 għall-ħabta tal-10:00. Tgħid li għandha 75 u dakinhar tas-27 ta' Ġunju 2015 hija kienet fi Triq Ġuże Ellul fi Gwardamangia/Pieta. Raġel ġibdilha ġiżirana minn għonqha u ħarab jiġri. Tgħid li dan ħarab f'karozza li kienet skura u f'dak il-mument hija żammet f'moħħha n-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura li fiha daħal il-ħalliel u ċemplet lill-Pulizija fuq in-numru 112. In-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura kitbitu fuq id-dokument li ġie eżebit a fol 3. Dan id-dokument għaddietu hi stess lill-Pulizija wara li għamlet il-kwerela. Tixhed li l-ġiżirana kienet tad-deheb u li kienet tiswa' bejn mitejn jew tliet mitt euro. Iżżid tgħid li l-ħalliel kien rikeb fil-post tal-passiġġier wara li l-karozza, li l-kulur tagħha kien qisu fil-griż, kienet qegħda bil-magna mixgħula, u hekk kif il-ħalliel tela' fiha, dawn mill-ewwel ħarbu minn fuq il-post.

60. Mill-istħarriġ magħmul mill-Pulizija u mix-xiehda ta' Stephen Cachia a fol 60 jirriżulta li l-vettura Daihatsu Charade, ta' lewn griż, kienet iġġib in-numru tar-reġistrazzjoni DAF 165 u kienet reġistrata f'isem Simon Camilleri bil-karta tal-identita bin-numri 453166M sa mit-3 t'April 2014. Dan Simon Camilleri huwa l-appellant. Il-liċenza ta' din il-vettura kienet imħalsa sat-30 t'April 2015. Ir-reati de quo seħħew fis-27 ta' Ġunju 2015. Mix-xiehda ta' Maria Dolores

Micallef din il-karozza intużat mill-ħalliel sabiex ħarab biha minn fuq il-post waqt li persuna oħra kienet qegħda ssuq dik il-karozza li kienet qegħda tistenna lil dan il-ħalliel.

61. Mill-istqarrija tal-appellant jirriżulta li l-appellant jistqarr li dik il-vettura hija tiegħu, iżda (minbarra hu – u dan jingħad mill-mod kif ġiet impostata l-mistoqsija mill-ispettur Mercieca) jsuquha missieru u oħtu. L-appellant jgħid li fis-27 ta' Ġunju 2015 huwa kien mar jieħu l-methadone u wara reġgħa niżel Bormla. Miegħu ma kellu lil ħadd la meta mar jieħu l-*methadone* u l-anqas meta niżel lura Bormla. L-appellant innega li huwa kien b'xi mod involut fis-serqiet li saru fuq Maria Dolores Micallef u Maria Grech. Mistoqsi jispjega t-triq li huwa qabad biex imur lura Bormla, jgħid li ħareġ il-barra mill-*main road* ta' quddiem l-isptar San Luqa, niżel minn ħdejn l-Istamperija lejn il-pjazza prinċipali tal-Ħamrun u baqa' sejjer lejn Bormla. Huwa ma waqafx il-pjazza tal-Ħamrun, għalkemm għadda għat-tifel tiegħu li kien għand oħt l-appellant, Bormla, hekk kif huwa kien fi trieqtu lejn id-dar.

62. L-appellant jixhed ukoll li huwa kien qiegħed fuq *bail* f'xi żewġ każijiet u wieħed minnhom qiegħed fuq appell. Huwa kien qiegħed jirreġistra u kif kien isib xi biċċa xogħol ta' kisi kien lest li jidħol għaliha. Huwa suppost kien qiegħed jieħu r-relief, iżda dan kienu qatgħulu. Ibnu kien qiegħed joqgħod m'oħtu f'Bormla stess, iżda kien jgħaddi għalih hu. Therese Agius kienet is-sieħba tiegħu u kienet taħdem *cleaner* mac-*Chick King*. L-appellant kien jgħaddi l-ġurnata ma missieru, li kellu tmenin sena. L-appellant kien isajjarlu

u jieħu ħsiebu. Missieru kien jirċievi pensjoni ta' disa mitt euro fix-xahar.

63. Il-karozza Daihatsu Charade kienet ilha għandu xi sena, sena u nofs. Missieru ma kienx għadu jsuq. Oħtu Ruth ġieli kienet saqet din il-karozza. Iżda l-ġurnata ta' qabel Ruth ma kienetx saqitha din il-karozza. Il-ġurnata ta' qabel ma kien silifha lil ħadd din il-karozza. Jikkonferma li din il-karozza qatt ma kienu serquhielu. Minbarra din il-karozza ma għandux karozzi oħra.

64. Illi l-Qorti tal-Maġistrati emnet lil Maria Dolores Micallef li l-vettura li ntużat biex il-ħalliel jaħrab minn fuq il-post kienet griża u kellha n-numru DAF – 165; emnet lir-rappreżentant ta' Transport Malta li din il-vettura kienet reġistrata f'isem Simon Camilleri, bil-karta tal-identita bin-numri 453166M; meta qablet dan l-isem, kunjom u l-ID card dawn qablu ma' dawk tal-appellant; mill-istqarrija tal-appellant jirriżulta li (minbarra hu) din il-vettura ġieli saquha missieru u oħtu - biss missieru ma kienx għadu jsuq, fis-27 ta' Ġunju 2015 oħtu Ruth ma kienetx saqet din il-karozza, u f'din il-ġurnata huwa ma kien silifha lil ħadd, u din il-karozza qatt ma kienu serquhielu; dakinhar tas-serqiet l-appellant kien mar iċ-Ċentru tad-Detox biex jieħu l-methadone, ħa l-methadone fl-09:55; is-serqiet saru għal-ħabta tal-10:00 f'toroq fil-Hamrun u tal-Pieta/Gwardamangia li huma ftit kantunieri l-bogħod miċ-Ċentru tad-Detox.

65. F'dan ix-xenarju probatorju bażat fuq evidenza diretta u indiretta, il-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal tikkonkludi li fil-fatt kienet il-karozza tal-appellant li intużat biex il-ħalliel jaħrab minn fuq il-post tas-serqiet kif ukoll li din il-karozza kienet misjuqa mill-appellant stess – u dan stante li missieru ma kienx għadu jsuqha, oħtu ma kienetx saqitha dakinhar tas-serqiet, dil-karozza qatt ma kienu serquhielu u fl-aħħar mill-aħħar huwa kien f'post viċin ħafna ta' fejn saru s-serqiet fl-istess ħinijiet li huwa kien mar jieħu l-methadone miċ-Ċentru Detox.

66. Il-kwistjoni tibqa' jekk, anke *gratia argomenti*, l-appellant kien dak li saq il-vettura in kwistjoni, setgħetx titqies pruvata r-rabta bejn l-appellant u s-serqiet infushom kif riflessa fid-diżinn komuni li jrid jiġi pruvat bejn l-appellant u l-persuna li wetqet is-serqiet. Anke hawn din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tqis li l-appellant kien ko-awtur f'dawn id-delitti.

67. Qabel xejn jiġi ribadit li skont il-ġurisprudenza Maltija sewwieq ta' *getaway car* ġie diversi drabi ritenut li jkun ko-awtur fid-delitt tas-serq. Dan jemerġi minn appelli kriminali bħal ***Il-Pulizija vs Joseph Agius***, deċiż nhar il-15 ta' Settembru 2010 u ***Il-Pulizija vs Maurizio Zahra*** et deċiż nhar is-7 ta' Marzu 2012 u każijiet oħra ċitati b'approvazzjoni f'dawk il-każijiet.[14] Il-prova li l-Qorti tal-

[14] filwaqt illi fil-kazijiet l-ohra qaghad mal-*getaway car*. Dan naturalment xorta jirrendieh ko-awtur. Ara f'dan is- sens ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Martin Dimech*** deciz fl- 24 ta' Settembru 2004:

Maġistrati kellha għad-disposizzjoni tagħha relattivament għall-fatt li l-appellant, sewwieq tal-*getaway car* f'dan il-każ, ipparteċipa f'koperazzjoni diretta essenzjali għall-eżekuzzjoni tar-reat flimkien mal-ħalliel tista' toħroġ minn provi diretti, provi indiretti jew mit-tnejn.

68. F'dan il-każ, din il-prova toħroġ mill-fatt li fis-27 ta' Ġunju 2015 kienu saru żewġ serqiet bl-istess modalita. Fis-serqa ta' Maria Dolores Micallef jirriżulta li din tixhed b'mod ċar li fil-karozza l-griża bin-numru DAF-165 kien hemm :

> Wiehed, persuna wahda kien hemm fil-karozza, dak li kien qed isuq, kellhu l-magna mqabbda tal-karozza u saqu mill-ewwel kif dahal fil-karozza.

69. Mir-ritratti eżebiti mill-Prosekuzzjoni meħuda mis-*CCTV footage* elevat jirriżulta li l-ħalliel, liebes ħwejjeġ ċari, telaq jiġri minn fuq il-post qabel ma dan daħal fil-vettura DAF-165 li saqet mill-ewwel kif daħal fil-karozza. Din hija evidenza diretta u indiretta li turi li min kien qiegħed isuq il-karozza ma kienx biss xufier. Iżda kien, għal darbtejn in fila, xufier ta' karozza li fiha daħal il-ħalliel immedjatament wara li kien għadu kif wettaq is-serqa fuq persuna anzjana; sewwieq li qagħad jistenna lil ħalliel fil-karozza, ftit il-bogħod minn fejn insterqet il-persuna anzjana, **bil-magna tal-karozza mixgħula**. Sewwieq li hekk kif il-ħalliel daħal fil-karozza

"Dwar jekk l-appellant ghandux jitqies bhala ko-awtur jew bhala komplici, m'hemm l-ebda dubju li l-appellant huwa ko-awtur fir-reat hawn in kwistjoni, *'ghax il-korreu mhux ristrett ghal dak biss li kien l-esekutur dirett ta' l-att konsumattiv izda jikkomprendi anke dawk li jippartecipaw f'kooperazzjoni diretta essenzjali ghall-esekuzzjoni tar- reat'* (Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Nazzareno Briffa et**, 3 ta' Frar 1984 - Vol. LXVIII.v.309; ara wkoll Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Salvu Muscat**, 9 ta' Novembru 1957 - Vol. XLI.iv.1484)."

saq minn fuq il-post, għal darba, darbtejn. Din l-evidenza tipponta, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, lejn il-profil tipiku ta' *getaway car* minn fuq xena ta' delitt, f'dan il-każ serq aggravat. B'hekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħet, in bażi għall-provi li kellha quddiemha tikkonkludi li l-appellant kien ko-awtur fir-reati ta' serq kwalifikat kontestati lilu.

70.Inoltre, l-appellant jilmenta li l-kwalifika tal-valur fir-reat tas-serq bl-ebda mod ma ġiet pruvata u dan peress li l-vitmi ma pproduċewx prova tal-valur. L-ebda talba għal ħatra t'espert tekniku ma ġiet magħmula.

71.Illi l-prova relattiva għat-telf ossija l-valur tar-*res furtiva* f'dan il-każ ma kienetx bilfors teħtieġ li jiġi maħtur espert tekniku. Kif intqal fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Joseph Zahra*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar l-24 ta' Frar 2003, id-determinazzjoni tal-valur ta' oġġett tista' tiġi magħmula jew b'apprezzament tal-ġudikant jekk huwa jkun jifhem biżżejjed biex jiddetermina l-valur hu stess, jew billi jitqabbad perit mill-Qorti biex jagħti l-fehma tiegħu dwar l-ammont tal-ħsara jew inkella billi l-parte lesa tixhed bil-ġurament dwar kemm hija kienet ħalset biex xtrat l-oġġett jew il-valur tat-tiswija tal-oġġett.

72.Mela jsegwi li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet toqgħod u tistrieħ fuq ix-xiehda tal-parti leża, dwar il-valur tal-ġiżirana misruqa. Ix-xiehda ta' Micallef tgħid li l-ġiżirana misruqa lilha kienet tad-deheb u kienet tiswa' bejn mitejn u tliet mitt euro. Din kienet xhud

ordinarju li l-Qorti riedet tagħrbel bil-mezzi li trid il-Liġi fl-artikoli 637 u 638 tal-Kodiċi Kriminali.

73. Biss anke jekk din il-Qorti ma tħosshiex konvinta mill-prova relattiva għall-valur li tkun tresqet, jew li ma tkunx tresqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rimedju tal-Qorti mhux li tasal li tillibera lill-appellant minħabba l-fatt li l-Prosekuzzjoni ma tkunx ippruvat il-valur tar-*res furtiva* lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. F'każ fejn mill-provi jirriżulta li l-ġudikabbli jkun wettaq is-serq iżda l-valur tar-*res furtiva* jibqa' dubbjuż, l-applikazzjoni korretta tal-Liġi mhix dik li l-Qorti tillibera lill-ġudikabbli minħabba nuqqas ta' provi dwar il-valur, iżda li ssib lill-ġudikabbli ħati tar-reat ta' serq mingħajr dik il-kwalifika tal-valur. Dan joħroġ ukoll minn sentenzi ta' din il-Qorti diversament presjeduta bħal ***Il-Pulizija vs Robert Gafa*** tat-30 t'April 2014.

74. F'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati kellha quddiemha żewġt vitmi ta' serq ta' ġiżirajjen tad-deheb. Micallef tgħid li l-valur tal-ġiżirana tagħha kienet tvarja bejn mitejn u tliet mitt euro. Mill-banda l-oħra il-valur tal-ġiżirana tad-deheb ta' Grech ma ġietx determinata. Biss Grech tipprovdi ritratt ta' dik il-ġiżirana, li hija ssotsni li kienet tad-deheb, u li kienet tagħthielha ommha – u allura tindika wkoll li kien deheb li huwa antik. Din ix-xiehda magħquda flimkien, mgħarbla bil-buon sens, is-sens komun, l-esperjenza tal-ħajja, **<u>flimkien</u>** mal-apprezzament tagħha stess, setgħet twassal lill-Qorti tal-Maġistrati għall-konklużjoni li, dawn iż-żewġt ġiżirajjen, it-tnejn tad-deheb, kellhom valur li jaqa' fil-qafas tal-

kwalifika li trid il-Liġi u ċjoe valur li jiswa' aktar minn mitejn tnejn u tletin euro erbgħa u disgħin ċenteżmi (232.94) b'mod li jkun soddisfatt, almenu wieħed mill-metodi indikati mill-ġurisprudenza li fuqhom jista' jiġi determinat il-valur tar-*res furtiva*. B'hekk il-Qorti tal-Maġistrati, bil-provi li kellha quddiemha u bil-kriterji stabbilita lilha mill-ġurisprudenza setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni relattiva għall-valur tar-*res furtiva* f'dan il-każ.

75. Aggravju ieħor tal-appellant huwa li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova li l-appellant kien qiegħed isuq il-vettura imsemmija fl-imputazzjonijiet u li din ma kellhiex il-liċenza mħalsa jew li ġiegħel, ħalla jew ippermetta lil xi persuna oħra li ma għandhiex liċenza tas-sewqan biex issuqha. L-anqas ma ġie pruvat li huwa ma kellux kopertura assikurattiva fiż-żmien rilevanti għal dan il-każ.

76. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati kellha raġun temmen li l-appellant kien dak li saq il-vettura in kwistjoni nhar is-27 ta' Ġunju 2015 għall-ħabta tal-10:00 meta din il-vettura serviet ta' *getaway car* fir-rigward taż-żewġ serqiet imsemmija aktar il-fuq, l-istess Qorti kellha wkoll raġun ittenni li dakinhar l-appellant saq din il-vettura mingħajr ma din il-vettura kienet debitament liċenzjata. Dan jirriżulta mix-xiehda ta' Stephen Cachia f'isem Transport Malta li jgħid li din il-vettura kellha l-liċenza tagħha mħalsa sat-30 t'April 2015.

77. Apparti minn hekk fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs Andre' Apap*** deċiża nhar l-4 ta' Frar, 2011 ġie mistqarr is-segwenti : -

Għar-rigward tal-imputazzjoni dwar sewqan mill-imputat meta ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni kontra rriskji ta' terzi persuni, l-prova li l-imputat kien hekk kopert b'tali polza kienet tispetta lill-imputat għat-tenur tal-artikolu 3(1A) tal-Kap 104. Din il-Qorti ma taqbilx mad-distinzjonijiet li saru minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenzi tagħha Il-Pulizija vs. Angelo Scuderi , Il-Pulizija vs Stefan Apap , u l-Pulizija vs Charles Galea u oħrajn dwar meta tiskatta l-prezunzjoni prevista fis-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104. Is-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104 hu ċar u inekwivoku fil-portata tiegħu: l-prezunzjoni in kwistjoni tiskatta kull meta "...min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal- assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4)" tal-Kap. 104. Din id-dispozizzjoni ma tħallilek għal ebda interpretazzjoni. Qatt ma kien hemm xi ħtieġa li jsir xi sforz biex id-dispozizzjoni tal-artikolu 3(1A) tal-Kap 104 tiġi rikonċiljata permezz ta' proċess ta' interpretazzjoni mad-dispozizzjoni tal-artikolu 10(1) tal-istess Kap għaliex iż-żewġ dispozizzjonijiet jirregolaw sitwazzjonijiet diversi. L-artikolu 3(1A) tal-Kap 104 jirregola x'jiġri fi proċeduri kriminali għal reat taħt l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 mentri l-artikolu 10(1) tal-istess Kap jirregola ir- riżarċiment mill-assikurazzjoni għal xi responsabbilta' għal dejn ċivili li għandha tkun koperta minn polza ta' assikurazzjoni. B'dak kollu li hemm fl-artikolu 10(1) tal-Kap 104 il-pożizzjoni li hemm fl-artikolu 3(1A) tal-istess Kap tibqa' mhux mittiefsa u cioe' li fi proċeduri kriminali għal reat taħt l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 kemm-il darba l-akkużat ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4) jiġi preżunt li ma kienx hemm polza ta' l- assigurazzjoni fis-seħħ skond kif meħtieġ fl-artikolu 3(1) imsemmi.'

78. Din il-posizzjoni ġiet imħadna wkoll fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs Edith Cutajar*** deċiż nhar l-24 t'Ottubru 2018. F'dan il-każ l-appellant ma pprovda ebda evidenza ta' kopertura assikurattiva matul il-perodju rilevanti għal dan il-każ.

79. L-appellant ftit li xejn jgħid fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija relattivament għall-imputazzjonijiet konsegwenzjali imsemmija fil-ħames, is-sitt, is-seba' u t-tminn imputazzjonijiet għajr ħlief li dawn jistgħu jirriżultaw biss jekk l-appellant jinstab ħati ta' xi waħda mill-ewwel erbat imputazzjonijiet.

80. Din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment issib lill-imputat ħati tal-ewwel erbat imputazzjonijiet. Daqstant ieħor ġie pruvat soddisfaċentement ukoll li l-appellant kiser il-kondizzjonijiet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest imsemmija fil-ħames u fis-seba' imputazzjonijiet. L-imputazzjonijiet numri sitta u tmienja huma l-konsegwenzi ta' sejbien ta' ħtija fir-rigward tal-ħames u s-seba' imputazzjonijiet.

81. Għal xi raġuni, għalkemm il-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-appellant ħati wkoll tal-ħames u tas-seba' imputazzjonijiet, hija naqset milli tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont stabbilit fil-garanzija għall-ħelsien mill-arrest, daqskemm naqset ukoll li tirrevoka *contratio imperio* d-digriet konċedenti l-ħelsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-ġdid tal-persuna misjuba ħatja. F'dan il-każ jirriżulta li l-appellant ġie mogħti piena waħda li donnha kienet tkopri l-imputazzjonijiet kollha, inkluż dawk indikati fl-imputazzjonijiet numri ħamsa, sitta, sebgħa u tmienja. Jirriżulta wkoll li l-Avukat Ġenerali naqas milli jappella minn tali sentenza.

82. Mill-provi prodotti quddiem dik il-Qorti jirriżulta wkoll li l-addebitu tar-reċidiva imputat fid-disa' imputazzjoni ġie debitament wkoll soddisfaċentement ippruvat u l-Qorti tal-Maġistrati sabitu ħati wkoll tad-disa' imputazzjoni, anke jekk fid-deċide tagħha ma inkludietx l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali. Skont il-Marinucci u Dolcini fil-***Manuale di Diritto Penale:***[15]

---

[15] Parte Generale, Terza Edizione, Giuffre Editore, 2009, paġna 502, paragrafu 13.2.

> La recidiva e' una **circostanza del reato**: in particolare si tratta di una *circostanza aggravante soggettiva*, e piu' precisamente una *circostanza aggravante inerente alla persona del colpevole*.

83. Fil-fehma ta' din il-Qorti għalhekk, in kwantu addebitu u mhux imputazzjoni, u b'mod partikolari bħala cirkostanza aggravanti inerenti għall-persuna tal-ħati, ir-reċidiva ma tistax fin-natura ġuridika tagħha titqies li hija ekwiparabbli mar-**reat** kriminali. Huwa veru li sabiex ikollha valenza ġuridika effettiva r-reċidiva trid tiġi kontestata lill-imputat mill-Prosekuzzjoni, li trid tiġi pruvata bil-mezzi stabbiliti mill-Liġi u mill-ġurisprudenza, u li l-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali trid tiddikjara fl-ikkundannatorja li l-ħati jkun reċidiv. Iżda din il-ħtieġa proċedurali ma tbiddilx in-natura ġuridika tar-reċidiva b'mod li minn addebitu titrasformah f'reat kriminali ad hoc. Din il-Qorti hija konxja li fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Mark Zahra***[16] din il-Qorti diversament presjeduta kienet irriteniet li n-nuqqas ta' inklużjoni tal-artikoli regolanti r-reċidiva, **flimkien ma** nuqqasijiet ta' formalita sostanzjali oħra waslu għal dikjarazzjoni ta' nullita tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Biss, bid-dovut rigward, għar-raġunijiet imsemmija aktar il-fuq, din il-Qorti ma taqbilx li n-nuqqas ta' tismija tal-artikoli tar-reċidiva jwaslu għall-konsegwenza fatali tan-nullita tas-sentenza. L-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jeħtieġ *ad validitatem* li l-Qorti tal-Maġistrati issemmi fis-sentenza tagħha – mingħajr ma tispeċifika f'liema parti tas-sentenza - l-artikolu tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla **r-reat**. Ġaladarba r-reċidiva hija addebitu, ċirkostanza aggravanti interenti għall-

[16] Deċiż fl-20 t'April 2019.

persona tal-ħati, u mhux reat *ad hoc*, jikkonsegwi li n-nuqqas tal-Qorti tal-Maġistrati li ssemmi l-artikoli tar-reċidiva ma jġibx miegħu il-konsegwenza estrema tan-nullita tas-sentenza ta' dik il-Qorti. Dan ukoll in bażi għall-prinċipju *ad salvandum actum consummatum capienda venit interpretatio omnis favorabilis.* F'dan il-każ il-Qorti sabitu ħati wkoll tad-disa' imputazzjoni – ossija tal-addebitu tar-reċidiva inkluż fiha. Biss f'dan il-każ tirriżulta pruvata kemm ir-reċidiva ġenerali kif ukoll dik speċjali. Jiżdied ukoll li anke hawn ma sar ebda appell mill-Avukat Ġenerali dwar dan il-punt.

84. L-appell de quo jitratta wkoll il-piena li ġiet inflitta. Issa l-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett Retributtiv; dak Preventiv; u dak Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena.

85. L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-ħati jrid jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' soċjali.

86. L-effett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali.

87. L-aspett preventiv ġenerali tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **qabel** ma twettaq l-att kriminuż. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu.

88. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa' jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lis-soċjeta milli tiddeżisti; għaliex jekk tiddelinkwi mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għas-soċjeta li tibda tiddelinkwi. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-paċi u trankwillita tal-istess soċjeta, u f'ċerti ċirkostanzi saħansitra għall-eżistenza tagħha jew ta' membri fostha. Is-soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tal-istess kollettivita. Altrimenti, il-kollass.

89. Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u

li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, billi jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

90. F'dawn il-proċeduri t'appell, il-Qorti trid tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-piena komminata minnha, jekk il-piena inflitta minnha kienet taqa' fil-parametri legali u jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju jew kienetx manifestament eċċessiva.

Il-piena kienet fil-kwalita li setgħet tingħata. F'każijiet bħal dawk li tagħhom instab ħati l-appellant piena karċerarja effettiva hija indikata. Tibqa' l-kwistjoni jekk il-Qorti tal-Maġistrati erogatx piena li kienet manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):

"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]

This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

91. Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-Qorti tqis li l-piena ma kienetx manifestament eċċessiva. Anzi jekk xejn, meta jitqiesu li r-reati kienu kwalifikati bil-valur u vjolenza fuq anzjani, biż-żieda fil-piena marbuta magħhom u ż-żieda fil-pieni li setgħa jingħata minħabba r-reċidiva u l-kwalifikat tar-reat kontinwat, jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati marret lejn in-naħa l-baxxa tal-piena li setgħet teroga.

## *Deċide*

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***